**GHAWDEX**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. JAMES HENRY PEARSALL**

**Illum 15 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 1/2014**

**Nigel Donovan**
**Vs**
**Ministeru Ghal-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Nigel Donovan** ipprezentat fl-4 ta' Frar 2014 li permezz tieghu ippremetta is-segwenti:-

1. *"Illi l-esponenti applika mal-amministrazzjoni pubblika sabiex jinghata ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fir-rigward tal-vettura tieghu tal-marka Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni LW 51 ABK.*
2. *Illi l-esponenti ressaq provi illi l-imsemmija vettura hija l-vettura privata tieghu u kienet ilha tintuza fir-Renju Unit, fejn kien jirrisjedi, ghal hdax-il sena.*
3. *Illi fid-19 ta' Novembru 2013, l-esponenti flimkien ma' martu, gew jghixu gewwa Ghawdex u ghaddejjin bil-process sabiex jinghataw status ta' residenza gewwa dawn il-gzejjer.*
4. *Illi l-esponenti applika sabiex il-vettura tingieb permanentement f' Malta u jinghata ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni abbazi ta' l-artikolu 19(3) tal-Kap 368.*
5. *Illi minkejja tali applikazzjoni, l-esponenti gie nfurmat mill-Ministeru ghall-Finanzi, permezz ta' ittra datata 15 ta' Jannar 2014, illi t-talba tieghu ghal ezenzjoni mit-taxxa ta'*

*registrazzjoni ma setghetx tigi accettata u dana abbazi ta' regolament 4(2) ta' l-Avviz Legali 6 ta' l-2012.*

6. *Illi l-esponent hass ruhu aggravat b' din id-decizjoni u ghalhekk qieghed jinterponi umli appell minn tali decizjoni quddiem dan it-Tribunal entro t-terminu stabbilit mill-ligi.*
7. *Illi l-esponenti huwa barrani u jixtieq li dawn il-proceduri jigu maghmula bl-Ingliz.*

***L-Aggravvju***

8. *Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-Ministeru ghall-Finanzi ghamel evalwazzjoni hazina tad-dokumenti li gew prezentati lilu u silet konkluzzjonijiet li mhux necessarjament kienu jsegwu minn tali dokumenti. L-istess Ministeru qatt ma talab ghal xi kjarifiki jew informazzjoni ulterjuri minghand l-applikant b'rabta mad-dokumenti li kienu gew sottomessi minnu u lahaq konkluzzjonijiet li huma ghal kollox skoretti.*
9. *Illi fid-decizjoni tal-15 ta' Jannar 2014, il-Ministeru ghall-Finanzi semplicement sostna li t-talba ta' l-esponenti giet michuda peress li skond r-regolament numru 4(2) tal-Avviz Legali 6 ta' l-2012 : "L-ezenzjoni taht l-artikolu 19(3)(f) tal-Att tinghat fir-rigward ta' vettura bil-mutur M1 jew cikletta li tkun il-propjeta personali ta' individwu u tkun qieghda tigi impurtata jew tkun qieghda tingieb f' Malta minn dak l-individwu meta jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu minn post barra minn Malta ghal post f' Malta".*
10. *Illi madanakollu, f' tali decizjoni, il-Ministeru tal-Finanzi ma identifikax liema kriterju ma giex ippruvat mill-esponenti.*
11. *Illi fil-fehma ta' l-esponenti, il-kriterji kollha rikjesti minn dan ir-regolament gew sodisfacentement ippruvati minnu stante li gie ppruvat li l-vettura in kwistjoni  hija l-propjeta personali tieghu, ilha propjeta tieghu ghal hdax-il sena u ngabet f' Ghawdex minnu meta dan kien qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu mir-Renju Unit ghax-Xlendi Ghawdex.*
12. *Illi fil-fehma ta' l-esponent, anke r-rekwiziti l-ohra rikjesti fis-subregoli tar-regolament numru 4 gew sodistacentement ippruvati mill-esponenti. Kull dokument ipprezentat minnu jikkonferma dan. Ghal xi raguni jew ohra pero dawn id-dokumenti gew kollha injorati. B' konferma ta' dan, ghal kull buon fini, l-esponenti qed jipprezenta dokumenti flimkien ma' dan ir-rikors ta' l-appell li qed jigu mmarkati Dok A sa Dok D filwaqt li jirriserva li jipprezenta dokumenti ohra ulterjuri waqt it-trattazzjoni ta' din il-vertenza kif ukoll jaghmel referenza ghal dokumenti ohra li gia gew sottomessi minnu ma' l-ipprocessar ta' din l-applikazzjoni tieghu tal-Ministeru ntimat, u li ghadhom jinsabu fil-file relattiv.*

***Talba***

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq esposti u għal dawk ir-raġunijiet l-oħra illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti nomine – filwaqt li tirriserva li tippreżenta provi ulterjuri in sostenn tas-suespost – titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Ministeru tal-Finanzi fl-ittra datata 15 ta' Jannar 2014 fejn l-istess Ministeru ċaħad it-talba għall-eżenzjoni magħmula taħt l-artikolu 19 tal-Kap. 368 u minflok jagħti l-eżenzjoni mitluba stante li r-rekwiżiti stabbiliti fir-regolamenti konċernati jinsabu pjenament sodisfatti."*

Ra illi l-**Ministeru Għall-Finanzi** ippreżentata r-risposta tiegħu fil-21 ta' Frar 2014 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *"Illi l-esponent jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors ;*
2. *Illi l-esponent jirrileva lilli kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut għall-eżenzjoni tat-taxxa ai termini tar-**Regolament 4 (2) tal-LN 6 tas-sena 2012**, fejn l-imsemmi regolament jgħid illi "L-eżensjoni taħt l-artikolu 19 (3) tingħata fir-rigward **ta' vettura bil-mutur M1 jew ċikletta** li tkun propjeta personali ta' individwu u tkun qegħda tiġi mpurtata jew tkun qiegħda tinġieb f'Malta minn dak l-individwu meta jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f' Malta" ;*
3. *Illi f' dan il-każ jidher ċar illi l-vettura tal-marka Toyota Hilux EX 4WD ma taqax taħt din il-kategorija rikjesta mill-liġi għall-eżenzjoni tat-taxxa għaliex kif jirriżulta anke miċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-Ingilterra u mill-Vehicle inspection form (**Dok A** u **Dok D** annessi mar-Rikors Promotur), **l-imsemmija vettura hi tal-katerġorija N1** u allura la hi bil-mutur M1 u lanqas hi ċikletta ;*
4. *Illi għalhekk it-talba għall-eżenzjoni tar-rikorrenti kellha tiġi miċħuda kif anke ġie spjegat fl-ittra mibgħuta lili mill-Ministeru għall-Finanzi datata 15 ta' Jannar 2014 u li tinsab annessa mar-rikors promotur (**Dok A1**) ;*
5. *Illi għaldaqstant l-applikazzjoni tar-rikorrent ġie miċħuda stante li hu ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti[1] u ta' Audrienne Callus Randich;[2]

[1] A fol. 17 sa 21
[2] A fol. 37 sa 41 u minn fol. 49 sa fol. 50

Ra l-affidavit ta' Barbara L. Gough,[3] ta' Sarah Maturin-Baird,[4] ta' Karen Donovan,[5] ta' Louise Elliott,[6] u ta' Elliott Purdell;[7]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2015;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qieghed jitlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-decizjoni notifikata lilu b'ittra mibghuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi datata 15 ta' Jannar 2014 permezz ta' liema gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(2) "The exemption under article 19(3)(f) of the Act shall be granted in respect of an M1 motor vehicle or a cycle which is the personal property of an individual and which is being brought or imported into Malta by that individual when he is transferring his normal residence from a place outside Malta to a place in Malta."*

**<u>Ir-rikorrent</u>** xehed illi l-vettura in kwistjoni hija tal-ghamla Toyota Hilux u esebixxa ritratti tal-istess.[8] Stqarr illi l-istess vettua fiha hames sedili, inkluz dak tas-sewwieq u li kien xtraha gewwa l-Ingilterra ghall-uzu tal-familja tieghu. Jispjega li huwa ghamel ricerka dwar ir-registrazzjoni tal-istess vettura f'Malta u mis-sit elettroniku tal-Awtorita`

[3] A fol. 29
[4] A fol. 30
[5] A fol. 31
[6] A fol. 35
[7] A fol. 36
[8] Dok S, S1 u S2 a fol 22 sa 24

Ghat-Trasport f'Malta irrizultalu li l-istess vettura taqa' fid-definizzjoni ta' vettura M1 ghaliex din ma kellhiex iktar minn tmien (8) sedili. Jghid li huwa rtirat u li m'ghandux intenzjoni li jahdem hawn Malta. Jistqarr illi l-istess vettura mhix wahda kummercjali u li huwa kien ghamel modifikazzjoni fil-vettura fis-sens li ghamel *screen* bejn is-sedil ta' wara u wara tal-vettura minhabba l-kelb. Jghid ukoll illi meta xtraha originarjament il-vettura ma kellhiex wara maghluq. Huwa ghalaq wara ghaliex riedha bhala vettura ghall-familja biex ipoggi l-affarijiet u l-klieb fiha. Jghid illi fil-mument li xtraha huwa kien diga` informa lill-Kumpanija tat-Toyota li ried jaghmlilha l-modifiki biex jinghalaq wara.

**Barbara L. Gough** fl-affidavit taghha spjegat illi hja kienet ilha habiba tar-rikorrent ghal iktar minn tletin sena. Stqarret illi l-vettura in kwisjtoni kienet tintuza kemm ghall uzu ta' kuljum tal-familja, ghall-vaganzi tal-familja u kif ukoll biex ir-rikorrent igorr il-klieb tieghu minn post ghall-iehor. **Sarah Maturin-Baird** stqarret illi hija ilha tghix f'Ghawdex minn Novembru 2013 u daqshekk ilha taf lir-rikorrent. Tistqarr li peress li hi ghandha karozza zghira, ir-rikorrent kien johdilha z-zewgt iklieb taghha fil-vettura in kwistjoni biex ikunu jistghu imorru mixjiet twal u jghumu. **Karen Donovan** stqarret illi hija l-mara tar-rikorrent u ilha tafu mill-2001. Tghid li l-vettura in kwistjoni inxtrat fl-2003 biex tkun vettura tal-familja. Tistqarr li din il-vettura kienet ideali ghaliex kellhom tlett itfal u tlett iklieb kbar. L-istess vettura kienet ukoll tintuza biex tittrasporta r-roti meta kienu jmorru kollha jsuqu r-roti u wkoll ghal giti ta' *camping*. Tghid ukoll illi l-vettura tintuza wkoll biex jingarr siggu bir-roti ta' omm ir-rikorrent li hija persuna b'dizabilita`. **Louise Elliot** spjegat illi r-rikorrent huwa missierha tar-rispett u li l-vettura nxtrat meta hija kellha ghaxar snin. Tispjega li din il-vettura dejjem kienet uzata bhala vettura ghall-familja, specjalment biex igorru fiha r-roti u l-klieb. **Elliot Purdell** spjega illi huwa t-tifel tar-rispett tar-rikorrent fejn ikkonferma dak kollu li stqarret ohtu Louise Elliot.

**Audrienne Callus Randich**, Direttur fi hdan il-Ministeru intimat u membru tal-Bord, stqarret illi l-applikazzjoni tar-rikorrent giet rifjutata peress li l-vettura ma kinitx vettura

tat-tip M1 u ghaldaqstant ma tikkwalifikax ghall-ezenzjoni. B'referenza ghal Dokument A a fol. 6 tal-process ix-xhud tghid li fl-istess Dokument hemm imnizzel li l-vettura hija tat-tip N1. Tghid li mill-informazzjoni li kellha, ir-rikorrenti kien jissodisfa r-rekwiziti l-ohra kollha. Tghid li l-vettura tirrizulta li hija tat-tip N1 mic-certifikat ta' Registrazzjoni tar-Renju Unit li huwa ekwivalenti ghal-*log book* fis-sistema nostrana. Tistqarr illi hija ma setghetx tirrispondi jekk Transport Malta taghmilx xi verifiki ohra dwar taht liema klassifika taqa' l-vettura. Tghid li l-Bord ma jaghmel l-ebda verifika jekk vettura hix tat-tip N1 jew M1 imma joqghod fuq dak li jkun hemm imnizzel fuq id-dokumenti. Mistoqsija mit-Tribunal jekk il-klassifikazzjoni N1 u M1 hijiex bazat fuq kriterji internazzjonali, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv. Hija spjegat illi tezisti Direttiva tal-Unjoni Ewropeja bin-numru 2007/46 dwar il-klassifikazzjoni tal-vetturi, liema Direttiva giet adottata u inkluza f'Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidra:**

Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri gie stabbilit illi r-raguni tar-rifjut tal-applikazzjoni tar-rikorrent saret abbazi tal-klassifikazzjoni tal-vettura. Illi madankollu t-Tribunal jossera illi r-Regolament 4 citat mill-Bord fir-rifjut tieghu jinkludi mill-inqas tlett cirkostanzi ghala l-Bord jista' jirrifjuta applikazzjoni u cioe`:-

1. **Jew ghaliex il-vettura ma kinitx tat-tip M1;**
2. **Jew ghaliex il-vettura ma kinitx proprjeta' tal-applikant;**
3. **Jew ghaliex l-applikant ma kienx ittrasferixxa r-residenza tieghu normali hawn Malta.**

Illi ghalhekk, bir-ragun, ir-rikorrenti jghid l-Ministeru ma identifikax liema kriterju ma giex sodisfatt minnu**.** Kien biss fir-risposta tal-Ministeru intimat li intefa' dawl fuq ir-raguni ghala l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni giet rifjutata u dan meta f'paragrafu 3 il-Ministeru intimat eccepixxa illi *"Illi f' dan il-kaz jidher car illi l-vettura tal-marka Toyota Hilux EX 4WD ma taqax taht din il-kategorija rikjesta mill-ligi ghall-ezenzjoni tat-taxxa ghaliex kif jirrizulta anke mic-certifikat ta' registrazzjoni tal-Ingilterra u mill-Vehicle inspection form (**Dok A** u **Dok D** annessi*

*mar-Rikors Promotur),* ***l-imsemmija vettura hi tal-katergorija N1*** *u allura la hi bil-mutur M1 u lanqas hi cikletta;"*

Illi dan it-Tribunal jerga' jirribadixxi, kif ghamel f'okkazjonijiet ohra, illi l-Bord ghandu jkun iktar specifiku meta jaghti r-rifjut tieghu halli jpoggi lill-applikant fl-ahjar posizzjoni biex ikun jista' jevalwa l-posizzjoni legali tieghu. Ghalhekk it-Tribunal jawspika li dan kollu ma jaqghax fuq widnejn torox.

Illi fil-mertu, ir-rikorrent jirrileva illi huwa ssodisfa r-rekwiziti kollha tar-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 Illi kif gia inghad, fil-mori irrizulta illi r-raguni vera tar-rifjut kienet illi skond il-Bord, il-vettura ma kinitx tat-tip M1 jew cikletta. Kwindi ma hemmx kontestazzjoni li r-rikorrenti issodisfa r-rekwiziti l-ohra kollha, inkluz li l-vettura kienet ilha proprjeta personali tieghu ghal iktar minn sentejn u li hu kien ittrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta.

Illi fost il-kriterji li jrid ikollha vettura bil-mutur biex tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni, trid tkun wahda bil-mutur tat-tip M1 jew cikletta.

Illi ai termini ta' artikolu 2 (1) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur), vettura tat-tip M1 hija definita bhala **"vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'sedili mhux iżjed minn tmien persuni minbarra s-sedil tad-driver".**

Illi mix-xhieda tar-rikorrent u mid-dokumenti esebiti jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi mic-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura mahrug mir-Rejnu Unit u esebit bhala Dokument B a fol. 10 tal-process jirrizulta illi l-vettura in kwistjoni ghandha sitt (6 ) sedili, inkluz dak tax-xufier;
2. Illi din il-vettura kienet uzata unikament ghal skopijiet familjari u mhux kummercjali.

Illi mbaghad ai termini tas-sucitat artikolu vettura **N1** hija definita bhala "**vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u**

**li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati**". Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi biex vettura tkun klassifikata bhala N1 din trid tkun uzata **ghall-garr ta' merkanzija**. Illi bl-ebda mod u manjiera ma gie ppruvat mill-Ministeru intimat illi l-vettura in kwisjtoni hija uzata ghall-garr ta' merkanzija. Pjuttost gie ppruvat il-kuntrarju u cioe` li l-vettura hija uzata ghal skopijiet purament domestici.

Illi madankollu l-Bord kien rinfaccjat bic-Certifikat ta' Registrazzjoni tar-Renju Unit fejn fl-2003 l-istess vettura giet ikklassifikata bhala N1. Pero`, nonostante dan, it-Tribunal jaghmel referenza ghal artikolu 10 (5) tal-Kapitolu 368 li jghid is-segwenti:-

*"(5) Meta vettura N1 tiġi mibdula għal vettura M1, l-Awtorità għandha tikklassifika dik il-vettura taħt it-Tieni Skeda u għall-finijiet tat-taxxa ta' reġistrazzjoni għandha tapplika r-rata applikabbli għal vettura M1 bl-ogħla rata taħt it-Tieni Skeda kemm jekk il-vettura għandha makna petrol kif ukoll jekk għandha makna diesel. Il-valur ta' reġistrazzjoni (VR) ta' vettura bil-mutur kif mibdul għandu jitqies li jkun dak ta' vettura M1 użata."*

Illi ghalhekk, l-istess ligi taghti l-fakolta` lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta biex tirrikklassifika vettura N1 ghal vettura M1, jekk ovvjament ikunu jezistu c-cirkostanzi ghal tali riklassifikazzjoni. Jirrizulta wkoll illi biex issir tali riklassifikazzjoni hemm bzonn li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tkun avzata minn min ikun se jaghmel il-modifiki jekk dawn il-modifiki jwasslu biex il-vettura tigi riklassifikata. Illi issa fil-kaz odjern, meta saru l-modifiki il-vettura in kwistjoni kienet ghadha kemm inxtrat fir-Renju Unit. Kwindi l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ma kinitx involuta fil-kwistjoni. Jekk kienx hemm bzonn li jsir tali Avviz jew xi proceduri ohra fir-Renju Unit biex isiru tali modifikazzjonijiet dan it-Tribunal ma jistghax jghid.

Illi pero` l-fatt hu li l-modifiki saru biex b'hekk meta l-vettura dahlet hawn Malta kellha l-kwalitajiet kollha sabiex tigi klassifikata bhala vettura tat-tip M1, nonostante dak li hemm imnizzel fic-Certifikat ta' Registrazzjoni.

Illi ghalhekk, fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Bord kien zbaljat meta hareg ir-rifjut abbazi tad-dettalji li kien hemm imnizzla

fic-Certifikat ta' Registrazzjoni tar-Renju Unit. Pero` jigi sottolinejat li dan m'ghamlux b'xi *mala fede*. Jirrizulta car illi l-Bord qaghad fuq id-dokumentazzjoni supplita lilu kemm mir-rikorrent innifsu u kif ukoll mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ghaldaqstant dan it-Tribunal ihoss li m'ghandux ibati l-ispejjez tar-rikorrent.

Ghaldaqstant l-appell tar-rikorrent qieghed jigi milqugh.

Illi finalment, it-Tribunal jaghmel referenza ghat-talba tar-rikorrent fejn talab illi dan it-Tribunal jaghtih l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Dan, it-Tribunal, ma jistghax jaghmlu ghaliex il-kompetenza tieghu hija purament wahda ta' revizjoni ta' atti amministrattivi u mhux li jarroga ghalih il-poter decizjonali li ghandhom l-awtoritajiet pubblici. Sta issa ghall-Bord li jerga' jirrevedi l-applikazzjoni tar-rikorrenti fid-dawl ta' dak kollu li gie sottomess iktar 'il fuq.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi, billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti u konsegwentement ihassar id-decizjoni tat-*Transfer of Residence Exemption Board* datata 15 ta' Jannar 2014 u dan fit-termini enuncjati hawn fuq, u jidderiegi lill-istess Bord sabiex fid-dawl ta' dak enuncjat f'din is-sentenza jikkoncedi lir-rikorrent l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni LW 51 ABK.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**